



Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14242/23

LIMITE

SPORT 37
GENDER 190

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar in-nisa u l-ugwaljanza fil-qasam tal-isport - <i>Approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif imħejji mill-Grupp ta' Hídma dwar l-Isport. Id-delegazzjonijiet kollha qablu dwar dan it-test.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jikkonferma l-qbil milħuq mid-delegazzjonijiet dwar it-test meħmuż u jgħaddih lill-Kunsill (EYCS) tat-23 u l-24 ta' Novembru 2023 biex jiġi approvat u sussegwentement ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri
mlaqqgħin fil-Kunsill dwar in-nisa u l-ugwaljanza fil-qasam tal-isport

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-
ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL**

FILWAQT LI JFAKKRU LI:

1. Kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni "huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", u kif iddikjarat fl-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), wieħed mill-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fl-azzjonijiet kollha tagħha huwa li "telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa", u, kif iddikjarat fl-Artikolu 19 TFUE, li "[t]ieħu l-azzjoni xierqa sabiex [t]iġġieled id-diskriminazzjoni li tkun ibbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew it-tendenzi sesswali".
2. L-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula li "kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita". Barra minn hekk, l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha".
3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport¹ jistiednu lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-moviment sportiv, jiżviluppaw ftehimiet ġenerali jew strateġiji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport².

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport, ĠU C 183, 14.6.2014, p. 39.

² F'dawn il-konklużjonijiet, l-"isport" jitqies fl-usa' tifsira tiegħu, u jinkludi l-attività fiżika.

4. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport tirrikonoxxi li l-organizzazzjoni tal-isport fl-Ewropa hija bbażata fuq il-valuri, fosthom, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri³.
5. Il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa⁴ tinvolve lill-partijiet ikkonċernati fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport u permezz tiegħu, b'mod partikolari billi timplimenta l-istrategġija tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-isport.
6. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-isport (CM/Rec (2015) 2) tapprova l-promozzjoni ta' politiki mmirati biex jiżguraw l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha u fil-livelli kollha tal-isport.
7. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport⁵ tidentifika l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala tema ewlenija fil-qasam ta' prijorità tal-ħarsien tal-integrità u tal-valuri fl-isport.
8. Fl-2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-Istrategġija tagħha dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 li tirsisti għal Unjoni ta' Ugwaljanza.

³ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2021)5 dwar il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta, adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tal-Viċi Ministri.

⁵ Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021–30 ta' Ġunju 2024), ĠU C 419, 4.12.2020, p. 1.

9. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill⁶ dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva jirrikonoxxu li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija waħda mill-prijoritajiet komuni li teħtieġ appoġġ aktar b'saħħtu mal-Unjoni Ewropea kollha, inkluż fl-isport, u jinkoraġġixxu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport, speċjalment fejn jikkonċerna l-aċċess għall-isport u r-rappreżentanza fil-korpi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet u l-inklużjoni ta' miżuri attivi li jiġġieldu l-isterjotipi bbażati fuq il-ġeneru.
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport⁷ jirrikonoxxu li, billi l-isport huwa lingwa universali mifhuma minn kulħadd, jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-intolleranza u tal-esklużjoni soċjali, inkluż l-isterjotipi abbażi tal-ġeneru u l-misoġinija, ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-emarġinazzjoni.
11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-innovazzjoni fl-isport⁸, jirrikonoxxu li metodi teknoloġiċi u diġitali innovattivi ta' komunikazzjoni u xandir, kif ukoll it-tagħlim mhux formali u informali, jistgħu jgħinu lill-organizzazzjonijiet sportivi fis-sensibilizzazzjoni dwar l-isterjotipi tal-ġeneri, il-misoġinija, l-omofobija, il-fastidju, l-abbuż u l-vjolenza, inkluż il-vjolenza sesswali u kull forma ta' diskriminazzjoni, fost affarijiet oħra, u jgħinu fil-prevenzjoni tagħhom.
12. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport tal-2022⁹ ressaq pjan ta' azzjoni u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lill-korpi nazzjonali u internazzjonali tal-isport u lill-organizzazzjonijiet lokali għal bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fl-isport, filwaqt li enfażizza sitt oqsma tematiċi ewlenin ta' involviment (parteċipazzjoni; ikkowċjar u pożizzjonijiet ta' uffiċjali; tmexxija; aspetti soċjali u ekonomiċi tal-isport; kopertura tal-media; u vjolenza abbażi tal-ġeneru).

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva, ĠU C 326, 3.12. 2010, p. 5.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport, ĠU C 196, 8.6.2018, p. 23.

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Innovazzjoni fl-Isport, ĠU C 212, 4.6.2021, p. 2–9.

⁹ Kummissjoni Ewropea, Lejn Aktar Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport, Rakkomandazzjonijiet u Pjan ta' Azzjoni Mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport, 2022.

FILWAQT LI JIRRIKONOXU LI:

13. Minkejja l-progress li sar s'issa, u b'kont meħud tas-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri, il-parteeipazzjoni tan-nisa fl-isport u fl-attività fiżika għadha anqas minn dik tal-irġiel¹⁰ minħabba ostakli prattiċi, personali, soċjokulturali u strutturali, u b'hekk għandhom influwenza negattiva fuq il-livell ta' preżenza tagħhom f'pożizzjonijiet ta' kowċijiet, uffiċjali u mexxejja.
14. In-nisa għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli fis-suq tax-xogħol fl-isport, pereżempju f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess indaqs, paga ugwali għal xogħol ugwali, ir-rappreżentanza f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru u apprezzament u rikonoxximent ugwali għax-xogħol tagħhom.
15. Hemm differenzi notevoli bejn sport u ieħor u bejn Stati Membri differenti, u n-nuqqas tal-aċċess u tal-involvement indaqs għan-nisa, tal-parteeipazzjoni tagħhom f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u tal-viżibbiltà fil-qasam tal-isport, x'aktarx jipperpetwa d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi¹¹.
16. L-abbuż, il-fastidju sesswali u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż fl-ispazju diġitali, kif ukoll l-isterjotipizzazzjoni tal-ġeneru u s-sessiżmu, għadhom ta' tħassib kbir fis-settur tal-isport.
17. Id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru tista' twassal għall-esklużjoni, speċjalment tan-nisa u kwalunkwe persuna f'pożizzjonijiet vulnerabbli u emarġinati, mill-parteeipazzjoni fl-isport.
18. Meta tkopri l-isport il-media għandha t-tendenza li tiffoka fuq l-irġiel fl-isport, bin-nisa fl-isport ġeneralment jirċievu kopertura fil-media jew online anqas mill-irġiel. It-trattament tan-nisa fl-isport sikwit ikun ibbażat fuq stereotipi tal-ġeneru jew ikun sesswalizzat u sessist.
19. Il-potenzjal tal-isport li jmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza permezz tal-awtonomizzazzjoni proprja, is-sensibilizzazzjoni u l-ġlieda kontra sterjotipi tal-ġeneru mifruxa permezz tal-parteeipazzjoni attiva huwa importanti.

¹⁰ Skont il-ħames Ewrobarometru dwar l-isport u l-attività fiżika ppubblikat f'Settembru 2022.

¹¹ Data mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) turi li minn kull ħames membri tal-ogħla korp ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' organizzazzjoni sportiva, bejn wieħed u ieħor, waħda biss hija mara.

FILWAQT LI JINNOTAW LI:

20. Is-sens ta' appartenenza Ewropea u l-prospertà futura tal-Ewropa jiddependu fuq soċjetajiet li b'mod attiv jipprevjenu u jiġġieldu id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru.
21. L-isport jaqdi rwol importanti fil-ħajja tal-popolazzjoni tal-UE u l-attivitajiet sportivi jagħtu kontribut soċjali, edukattiv, ekonomiku, kulturali, u ta' għaqda lis-soċjetà fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll lill-oġettivi strateġiċi u l-valuri soċjali tagħha.
22. Filwaqt li għall-individwi l-benefiċċji tal-aċċess għall-isport u tal-parteċipazzjoni fih huma stabbiliti sew, bħal dawk marbuta mal-iżvilupp personali, is-sens ta' identità u appartenenza, l-effiċjenza personali, l-istima personali u l-benesseri fiżiku u mentali, huwa imperattiv li sabiex dawn jinkisbu kollha, il-parteċipanti jkollhom aċċess għal kundizzjonijiet ugwali li jkunu sikuri u inklużivi, ħielsa minn kwalunkwe forma ta' inugwaljanza, diskriminazzjoni jew vjolenza.
23. Aktar viżibbiltà u kopertura aħjar mill-media għall-kompetizzjonijiet sportivi tan-nisa tista' tinfluwenza l-perċezzjoni tal-pubbliku għall-valur tal-isport tan-nisa u l-importanza tiegħu fis-soċjetà.
24. L-investiment pubbliku fl-isport għandu jkun imqassam b'mod ekwu bejn l-irġiel u n-nisa, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-korrezzjoni ta' inugwaljanzi eżistenti u jappoġġa l-iżvilupp ta' sport aktar ugwali.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJAW LI:

25. Dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill ikopru l-miżuri ta' politika kollha tal-isport.
26. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija objettiv politiku tal-isport fil-livell tal-UE, kif approvat mill-Pjan ta' Ħidma dwar l-Isport (2021-2024).
27. Il-miżuri li jappoġġaw u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jsaħħu l-konformità mal-impenji internazzjonali msemmija fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, SKONT L-OQSMA FIL-KOMPETENZA TAGĦHOM U B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA TAR-RWOL U TAL-AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOĊJALI, BIEX:

28. Ikollhom l-għan li jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess indaqs għall-isport u jkun jista' jipparteċipa fih fil-livelli u fil-funzjonijiet kollha mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru.
29. Isaħħu u jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politika tal-isport u jippromwovu mudelli pożittivi permezz tal-politika tal-isport u politiki oħra relatati.
30. Iħeġġu l-parteċipazzjoni indaqs min-nisa u mill-irġiel fl-isport professjonali billi jtejbu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jippromwovu pagi ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol tal-istess valur u jippromwovu miżuri li jappoġġaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

31. Iħeġġu u jinċentivaw lis-settur tal-isport biex iżid is-sehem tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija kif ukoll l-għadd ta' persunal u uffiċjali tal-isport.
32. Mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jistiednu lill-media u speċjalment lill-media tas-servizz pubbliku, itejbu l-viżibbiltà u l-kopertura fil-media tal-kompetizzjonijiet sportivi tan-nisa, u billi jikkunsidraw l-użu tal-prerogattiva mogħtija mill-Artikolu 14 tal-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva għal avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà¹².
33. Iħeġġu u jappoġġaw b'mod attiv lis-settur tal-isport biex fil-livelli kollha jipprevjenu u jġġieled il-fastidju, id-diskors ta' mibegħda sessist, l-abbuż sesswali u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, partikolarment fuq persuni f'pożizzjonijiet vulnerabbli u emarġinati, u fuq il-minuri.
34. Itejbu l-protezzjoni tax-xhieda, tal-informaturi u tal-vittmi tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru.
35. Jikkunsidraw jippromwovu r-riċerka u l-istudji dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-isport, l-istatistika dwarha u l-analiżi tagħha, kif ukoll il-kompilazzjoni ta' data intersezzjonali u diżaggregata dwar l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-isport, inkluż l-effetti tal-isterjotipi tal-ġeneru.
36. Jikkunsidraw jagħmlu l-ġhoti ta' fondi pubbliċi soġġett għall-konformità mad-drittijiet u mal-prinċipji fundamentali tal-governanza tajba, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
37. Iqisu l-aspett tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tal-bniet fil-proċess tal-bini u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura sportiva.

¹² Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva), ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-
PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI
TAGĦHOM, BIEX:

38. Jippromwovu l-iskambju regolari ta' Prattiki tajba dwar miżuri biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-isport, pereżempju permezz tal-parteċipazzjoni fil-proġett konġunt bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa "All In Plus".
39. Irawmu l-iskambju ta' Prattiki tajba u ta' linji gwida dwar kif l-istituzzjonijiet sportivi jistgħu jiżviluppaw strutturi u miżuri organizzazzjonali sabiex jipprevjenu l-forom kollha ta' abbuż, b'attenzjoni speċjali ffukata fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru.
40. Jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni fl-inizjattivi u l-prattiki kollha li jistgħu jikkontribwixxu biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur tal-isport iġenerali u jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u l-isterjotipi tal-ġeneru.
41. Jippromwovu l-kooperazzjoni attiva bejn is-sħab soċjali rilevanti fi ħdan il-qafas tad-djalogu soċjali u mal-moviment sportiv fi ħdan il-qafas tad-djalogu strutturat, imsejsa fuq approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u reattiv għall-kwistjonijiet tal-ġeneru u li jkollu diversi livelli, atturi u dixxiplini.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

42. Tikkunsidra tinkludi s-settur tal-isport fl-istrategġi prospettivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali tal-Istati membri.
43. Tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar l-azzjonijiet meħuda fir-rigward tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li jkunu rilevanti għas-settur tal-isport.
44. Tkompli tappoġġa l-inizjattivi tranżnazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qasam tal-isport, bħas-sensibilizzazzjoni, il-kampanji edukattivi, l-iskambju ta' prattiki tajba, studji, networks u proġetti, bħall-proġett konġunt bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa "All In Plus"¹³.
45. Trawwem ir-riċerka dwar ir-rwol tas-settur u l-industrija tal-isport fit-tiswir tal-valuri, l-attitudnijiet, il-ħtiġijiet u l-interessi tan-nisa u l-irġiel, li tanalizzza aspetti bħall-aċċess indaqs, il-viżibbiltà u l-parteciġazzjoni fil-qasam tal-isport.
46. Tqis id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex avvenimenti sportivi jikkwalifikaw bħala importanti ħafna għas-soċjetà skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

¹³ Il-Kunsill tal-Ewropa, All In Plus: Promoting greater gender equality in sport (All In Plus: Il-promozzjoni ta' ugwaljanza akbar bejn il-ġeneri fl-isport), Marzu 2023.

TISTIEDEN LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJIET IKKONĊERNATI OĦRA BIEX:

47. Iqiegħdu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qofol tal-governanza tajba tal-organizzazzjonijiet sportivi, pereżempju billi jippromwovu sistema ta' finanzjament ugwali u trasparenti, opportunitajiet indaqs għall-finanzjament u pagi ugwali. Minbarra li jippromwovu d-diversità fil-livelli kollha, l-aspetti rilevanti kollha għandhom jiġu analizzati b'attenzjoni speċjali ffukata fuq l-intersezzjonalità u d-diskriminazzjoni strutturali u istituzzjonalizzata.
48. Jippromwovu inizjattivi li jhegħu l-iżvilupp, it-tixrid u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' għodod għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala pilastru ta' governanza tajba fl-isport, bħall-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, il-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri, it-taħriġ dwar il-ġeneru u evalwazzjoni reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru.
49. Jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-istrateġiji, politiki u azzjonijiet kollha tal-isport, pereżempju, billi jistabbilixxu strateġija interna b'koordinatur għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, kif ukoll irawmu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proċeduri kollha u fit-taħriġ għall-impjegati u l-voluntiera.
50. Jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżdied is-sehem tan-nisa fil-pożizzjonijiet ta' mexxejja, kowċijiet u uffiċjali fl-organizzazzjonijiet, fl-istituzzjonijiet u fl-għaqdiet sportivi, speċjalment billi jimmotivaw u jappoġġaw lin-nisa jassumu dawn il-pożizzjonijiet.
51. Jiffissaw miri għall-parteeipazzjoni ugwali bejn il-ġeneri fit-taħriġ tal-persunal u tal-uffiċjali sportivi, pereżempju billi jappoġġaw programmi ta' mentoraġġ għall-bniet u n-nisa żgħażaġħ interessati li jsiru kowċijiet u referees.

52. Jiżviluppaw u jqiegħdu għad-dispożizzjoni programmi edukattivi u ta' prevenzjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar il-ġlieda kontra l-fastidju, id-diskors ta' mibegħda, il-forom kollha ta' abbuż u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, joħolqu mekkaniżmi ta' komunikazzjoni sabiex jisimgħu lill-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u jagħtu protezzjoni aħjar lill-vittmi, lill-informaturi u lix-xhieda.
53. Jaraw kif jinvolvu nisa u bniet li ġejjin minn kuntesti soċjoekonomiċi differenti biex jieħdu sehem fl-isport.
54. Jiġbru, ixerrdu u jenfasizzaw prattiki tajba dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport, filwaqt li jippromwovu u jiffaċilitaw l-iskambji ta' esperjenzi.
55. Jiżguraw kopertura bilanċjata tal-ġeneri fil-komunikazzjonijiet interni u esterni, inkluż dawk fuq in-networks soċjali u jiżguraw li r-rapporti, il-kummentarji u l-kopertura ta' attivitajiet sportivi tkun nondiskriminatorja.
56. Jiżguraw li n-nisa u l-bniet li jieħdu sehem fl-isport ikollhom aċċess għat-tagħmir u l-ilbies adattat biex jiżguraw il-parteeċipazzjoni sikura tagħhom.
57. Jiżguraw l-aċċessibbiltà ugwali għall-infrastruttura sportiva abbażi tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-individwi kollha u joħolqu faċilitajiet adegwati u sikuri għan-nisa u l-bniet.

DOKUMENTI TA' POLITIKA RILEVANTI:

- Trattat ta' Liżbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ĠU C 306, 17.12. 2007, p. 1.
- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, (2012/C 326/02).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport, ĠU C 494, 28.12.2022, p. 1.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021-30 ta' Ġunju 2024), ĠU C 419, 4.12.2020, p. 1.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill, Ekonomiji li Jiffavorixxu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-UE: It-Triq 'il Quddiem (14938/19).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill, Innaqqsu d-Differenza bejn il-Pagi tal-Irġiel u n-Nisa: Politiki u Miżuri Ewlenin (10349/19).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni tal-UE permezz tal-isport, ĠU C 196, 8.6.2018, p. 23.

- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport, ĠU C 183, 14.6.2014.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva, ĠU C 326, 3.12.2010, p. 5.
- Kummissjoni Ewropea, Lejn Aktar Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport: Rakkomandazzjonijiet u Pjan ta' Azzjoni Mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Isport (2022).
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2020-2025, COM/2020/152 final.
- Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra s-sessiżmu (2019).
- Rakkomandazzjoni CM/Rec(2021)5 dwar il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tal-Viċi Ministri.
- Rakkomandazzjoni CM/Rec(2015)2 dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-isport – adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-21 ta' Jannar 2015 fl-1217-il laqgħa tal-Viċi Ministri.
- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem, ĠU C 224, 8.6.2022, p. 2.

- Rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Gender Equality in Power and Decision-Making (L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-Poter u fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet), 2015.
- Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), Moving forward the 2030 Aġenda for Sustainable Development (Nagħmlu Progress fl-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), BSP-2017/WS/1, 2017.
- UNESCO, is-Sitt Konferenza Internazzjonali tal-Ministri u l-Uffiċjali Għolja Responsabbli għall-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport (MINEPS VI), Pjan ta' Azzjoni ta' Kazan, 15 ta' Lulju 2017.
- UNESCO, MINEPS V, Dikjarazzjoni ta' Berlin, 30 ta' Mejju 2013.
- Kumitat Olimpiku Internazzjonali (KOI), Gender Equality and Inclusion Objectives 2021-2024 (L-Objettivi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Inklużjoni 2021-2024), Rapport tal-2021 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Inklużjoni.
- KOI, Olympic Aġenda 2020+5: 15 Recommendations (L-Aġenda Olimpika 2020+5: 15-il Rakkomandazzjoni).